MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 354/2007

**A B, f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri C**
**vs**
**D E,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi fis-7 ta' Marzu 2006, ir-rikorrenti weldet tarbija jisimha C B, kif jidher mill-att tat-twelid li jgib in-numru 939/2006;

2. Illi sa mit-twelid tat-tarbija, l-esponenti minn dejjem kellha l-kura u l-kustodja kemm legali kif ukoll dik fattwali tieghu;

3. Illi l-wild huwa frott relazzjoni bejn l-esponenti u l-intimat D E, kif jista' jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi ghalkemm meta twieled it-tifel, l-esponenti kienet separata legalment minn ma' zewgha, t-tifel gie koncepit qabel is-separazzjoni u ghalhekk, fic-certifikat tat-twelid, zewg l-esponenti gie indikat bhala l-missier naturali tat-tifel;

5. Illi in forza ta' sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fil-1 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet "Nicholas B vs A B pro et noe", gie dikjarat illi t-tifel minuri m' huwiex il-wild naturali ta' zewg l-esponenti izda li kien twieled minn missier mhux maghruf, u kopja legali tas-sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "B";

6. Illi bi ftehim bejn l-esponenti u l-intimat D E, saru t-testijiet genetici appoziti u gie kkonfermat illi huwa l-missier naturali tat-tifel minuri C B;

7. Illi l-intimat D E f' numru ta' okkazzjonijiet ghamel xi kontribuzzjonijiet ghall-bzonnijiet tat-tifel u kemm hu kif ukoll membri tal-familja tieghu gieli kellhom access ghat-tifel, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

8. Illi l-intimat D E bhala l-missier naturali tat-tifel ghandu kemm l-obbligu legali kif ukoll il-mezzi sabiex imantni lit-tifel billi jmexxi supermarket u ghandu proprjeta' immobbiljari f' ismu kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, filwaqt illi l-esponenti ma tahdimx;

9. Illi nonostante illi l-esponenti interpellat lill-intimat D E sabiex jirrikonoxxi lit-tifel minuri tieghu anke permezz ta' ittra legali li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "C", l-intimat baqa' inadempjenti;

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-intimat D E huwa l-missier naturali tat-tifel minuri C B;

2. Tordna illi jsiru l-annotazzjonijiet necessarji fl-att tat-twelid tat-tifel minuri C B (929/2006) sabiex l-intimat D E jigi indikat formalment f' dan id-dokument bhala l-missier naturali tat-tifel;

3. Tordna illi t-tifel minuri C jibda jgib bhala kunjomu l-kunjom tal-intimat D E;

4. Tordna li l-kura u l-kustodja legali tat-tifel minuri C tigi fdata unikament f' idejn l-esponenti salv id-dritt ta' access favur l-intimat D E;

5. Tiffissa retta alimentari bhala manteniment dovut mill-intimat D E ghat-tifel minuri C;

6. Tikkundanna lill-intimat D E sabiex ihallas lill-esponenti dik is-somma li tigi hekk likwidata bhala manteniment dovut minnu ghat-tifel minuri C;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku:

1. Illi preliminarjament l-esponent mhux il-legittimu kontradditur fir-rigward ta' l-erba', il-hames u s-sitt talbiet dedotti fir-rikors guramentat.

2. Illi preliminarjament ukoll fir-rigward ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi l-minuri ghandu jkun parti fil-kawza u l-interessi tieghu rapprezentati minn kuraturi deputati.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrenti tispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali l-intimat D E

sabiex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid relattiv. Inoltre, jekk it-talbiet attrici jintlaqghu l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett u l-kliem “the said” ghandhom jigu kkancellati min taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta’ l-omm.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat is-sentenza parzjali moghtija minn din il-Qorti fis-17 ta’ Frar 2009 li permezz taghha gie stabbilit li t-tifel C li twieled mill-attrici fis-7 ta’ Marzu 2006 huwa l-wild naturali tal-konvenut D E;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi l-gudizzju odjern huwa limitat ghall-ahhar tlett talbiet maghmula mill-attrici, li permezz taghhom talbet [a] li hi tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tat-tifel C, bid-dritt ta’ access favur il-konvenut D E; [b] li din il-Qorti tiffissa retta alimentarja pagabbli lilha mill-istess konvenut bhala manteniment ghat-tifel C; [c] li din il-Qorti tordna lill-konvenut D E jhallas il-manteniment hekk likwidat.

**Il-Fatti**

Illi jidher li ma hemmx kontestazzjoni dwar it-talba ghal kura u kustodja. Fil-fatt il-provi jikkoncentraw fuq l-aspett tal-manteniment, u fir-rigward xehed biss il-konvenut D E dwar ix-xoghol u l-introjtu tieghu.

Dan il-konvenut jghid li originarjament huwa kien jiggestixxi mini-market, izda dan inghalaq fis-26 ta' Lulju 2009. Huwa prezenta l-income tax return tieghu ghas-sena bazi 2008 minn fejn jirrizulta li f' dik is-sena kien ghamel qligh nett ta' €20,569. Jghid li meta ghalaq il-mini-market, is-sid tah is-somma ta' €4,659 [ekwivalenti ghal LM2,000] bhala rigal, u kien tah wkoll is-somma ta' €20,000 ghall-istock li kien ghad fadal fil-hanut.
Il-konvenut jghid li wara l-gheluq tal-mini-market, huwa beda jitghallem is-sena ta' tile-layer, u sussegwentement beda jahdem ghar-rasu. Huwa jahdem ix-xoghol li jghaddwlu Hal Mann, u dawn jhallsuh fix-xahar. Jghid li huwa ghandu qligh nett mensili ta' €1,200 circa [€1,500 - €300 spejjez].

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi, fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, jidher li l-interessi tat-tifel jiddettaw li dan jibqa' fil-kura u kustodja esklussiva ta' ommu l-attrici, bid-dritt ta' l-access favur il-missier.

Illi rigward il-manteniment dovut mill-konvenut D E ghal ibnu minuri, din il-Qorti, wara li qieset il-pozizzjoni finanzjarja ta' l-istess konvenut, kif ukoll, tenut kont tal-fatt li t-tifel illum ghandu hames [5] snin, tikkunsidera opportuna r-retta alimentarja mensili ta' €186 li tinkludi kemm l-ispejjez medici kif ukoll dawk edukattivi tat-tifel, hlief dawk straordinarji li ghandhom jigu sopportati wgwalment bejn il-partijiet.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' ir-raba' talba u tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri f' idejn l-attrici, bid-dritt ta' access favur il-missier, u li l-modalita' tieghu jigi stabbilit fuq applikazzjoni ad hoc da parti tal-konvenut D E;

[2] tilqa' l-hames talba, u tiffissa retta alimentarja mensili ta' mija sitta u tmenin ewro [€186] pagabbli mill-istess konvenut lill-attrici fl-ewwel ta' kull xahar, u li tinkludi l-ispejjez edukattivi, u dawk medici ta' natura ordinarja, filwaqt li spejjez medici ta' natura straordinarja jkunu a kariku taz-zewg genituri b' mod ugwali;

[3] tilqa' s-sitt talba u tikkundanna lill-konvenut D E jhallas lill-attrici l-imsemmija retta alimentarja mensili;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut D E.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------